Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2009

Numru 15/2003

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
SPETTUR KEVIN FARRUGIA
VS
MANWEL BEZZINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Manwel Bezzina ta’ 50 sena, iben Grazio u Giorgia xebba Falzon, imwieled Gharghur fit-2.3.1952, residenti ‘Shamrock’ Triq Stiefnu Zerafa, Gharghur u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 313552(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar l-4 ta’ Jannar, 2003 fi Triq in-Naxxar, B’Kara, ghal habta ta’ nofs-in nhar, bil-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta’ Mose’ Calvanico f’perikolu car wera dan il-hsieb b’atti esterjuri, u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt bi strument li jaqta’ u bil-

ponta, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti gravi, fuq il-persuni ta' Mose' u martu Rita Calvanico billi kkaguna debbulizza u permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem li jgib difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem u li jgib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn u dan hekk kif iccertifika t-tabib Farrugia M.D., mic-Centru tas-sahha tal-Mosta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi f'Malta zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika u hebb ghal Mose' Calvanico u martu Rita biex jingurjah u jew jaghmillu hsara.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mhix xhieda ta' Dr. Ethel Felice, psikjatra ta' l-imputat jirrizulta illi l-imputat kien ilu taht il-kura taghha minn Novembru tat-2006 fejn dam xahar f'Mount Carmel u mbaghad beda jigi rilaxxat bil-leave. Fis-sena 2007, waqt li kien taht il-kura taghha, Dr. Felice kienet qed tikkurah permezz ta' *injection* kull xahar li kellha l-effett li tnaqqas l-aggressjoni ta' l-imputat u t-tghewdin tieghu. Id-dijanjozi ta' l-imputat hija ta' *Paranoid-schizofrenia*. Dr. Felice tat rakkont twil tat-*treatment* ta' l-imputat u li kien importanti li jibqa' taht dan it-*treatment*. In fatti, Dr. Felice xhedet illi l-*file* mediku ta' l-imputat, f'Mount Carmel, infetah hamsa u ghoxrin (25) sena ilu u jirrizulta illi matul iz-zmien,

antecedenti ghall-incident, l-imputat ma kienx qed jiehu l-medikazzjoni li kellu bzonn.

Ikkonsidrat:

Mill-fatti fuq esposti rrizulta b’mod ampju illi l-imputat, illi kien habib tal-koppja Calvanico ghall-aktar minn sena, u li kien sid il-kera tal-hanut “Freestyle”, negozjat mill-koppja Calvanico, li kienu jinnegozzjaw, kien jiltaqa’ maghhom ta’ kuljum. Fil-gurnata citata fic-citazzjoni l-imputat attakka b’mus lil Mose’ Calvanico, apparentement bla ebda raguni u bla ebda tilwima precedenti u dana fil-hin ta’ nofsinhar waqt li Calvanico kien quddiem il-hanut tieghu stess.

Il-Qorti semghet ix-xhieda akkurata u vivida ta’ Mose’ u Rita Calvanico u l-manjiera illi biha l-imputat, permezz tal-mus ezebit in atti, xejjer diversi daqqiet ta’ sikkina lejn is-sider, wiccu u ghonq ta’ Mose’ Calvanico. Kien biss b’fortuna kbira li Mose’ Calvanico minhabba l-istatura twila tieghu, minhabba li kien ragel atletiku u robust, flimkien mal- intervent ta’martu, Rita Calvanico, illi dan l-attakk da parti ta’ l-imputat ma kellux konsegwenzi fatali.

Illi l-Qorti wkoll semghet ix-xhieda ta’ l-imputat u jirrizulta anka b’mod sgjaccanti illi sforz il-marda li minnha jbati l-imputat, cioe *Paranoid-scizofrenia* dan beda jghewden u jiffissa li Mose’ Calvanico kien qieghed jirredikolah u jwaqqghu ghac-cajt man-nies, meta in fatti, Mose’ Calvanico ma kien qed jaghmel xejn hlief jitratta mal-klijenti tieghu b’mod normali. Il-fissazzjonijiet kbar ta’ l-imputat johorgu carissimi fix-xhieda tieghu, b’mod specjali meta jghid illi kienu jdejquh in-nies li jghaddu minn quddiem il-bieb tal-hanut tat-twapet tieghu, b’subajhom f’halqhom. Ix-xhieda tieghu hija mzewqa b’dan it-tip ta’ tghewdin paranojku fosthom il-fissazzjoni u l-ossezzjoni illi l-imputat kien qieghed jirredikolah ; l-infatwazzjoni u l-ossezzjoni da parti tal- imputat versu Rita Calvanico; kif ukoll minhabba il-fissazzjonijiet li in-nies tat-triq kienu qeghdin jghaddu lill-imputat biz-zmien. L-imputat, gurnata fost l-ohrajn u bla ebda pre-avviz u bla raguni, ddecieda li jattakka lil Mose’ Calvanico bil-mod illi ghamel.

Il-verzjoni ta’ l-imputat illi kien Mose’ Calvanico illi aggredieh l-ewwel permezz ta’ *headbutt;* li Manwel Bezzina ghalhekk storda u fil-mument li kien qed jaqa’ seta’ laqat lil Mose’ Calvanico la hi kredibbli, wisq anqas verosimili u l-griehi ta’ Mose’ Calvanico u x-xhieda ta’ Rita Calvanico tinnega b’mod komplet dawn il-pretenzjonijiet pwerili ta’ l-imputat. L-ipotesi li Manwel Bezzina storda u meta kien qed jaqa seta’ fera lil Mose’ Calvanico setghet taghmel sens biss kemm-il darba Calvanico kellu gerha wahda biss.
Ikkonsidrat:

Illi l-imputat gie mixli b’attentat ta’ omicidju izda din giet irtirata mill-Avukat Generali fl-Artikoli mahruga f’dan il-kaz. It-tieni akkuza kontra l-imputat kienet dik ta’ ferita’ ta’ natura gravi.

Illi kif gia’ fuq spjegat, l-imputat ta diversi daqqiet bil-mus fid-direzzjoni ta’ Mose’ Calvanico (ara xhieda fol.33 sa 41). Illi c-certifikati medici Dok.DS2 (a fol.16) jitkellmu fuq zewg l*acerated contused wounds* fuq il-widna l-leminija, feriti fuq il-polz u fuq l-ghonq ta’ Mose’ Calvanico, illi gew klassifikati minn Dr. Ethel Farrugia bhala griehi ta’ natura hafifa fl-avvidavit taghha (a fol.81). Illi madanakollu fix-xhieda sussegwenti ta’ Mose’ Calvanico (ara fol.160), tal-21 ta’ Novembru 2003, u cioe ghaxar xhur wara l-incident, ikkonferma li kien ghadu qed jilmenta b’ugiegh f’rasu, konsegwenza tad-daqqiet bil-mus illi sofra f’idejn l-imputat.

Illi ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma illi jirrizultaw feriti ta’ natura gravi per durata fuq Mose’ Calvanico.

Illi ghal rigward tal-griehi ta’ Rita Calvanico (ara Dok.DS1 - a fol.16) jirrizulta illi dawn kienu griehi ta’ natura hafifa, stante’ illi kienu jikkonsistu minn *lacerated contused wound* zghira u hafifa hafna fl-*index finger* ta’ l-istess Rita Calvanico li ma jidhirx illi halla sfregu fl-idejn l-istess Rita Calvanico. Jirrizulta pero’, ovvjament, l-akkuza aktar minuri ta’ griehi ta’ natura hafifa fuq l-istess Rita Calvanico.

L-imputat huwa wkoll mixli illi zamm strument illi jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u anke hawn hemm provi zgjaccanti illi l-imputat Manwel Bezzina, fil-fatt ghamel uzu minn din l-arma biex ikkawza l-griehi kemm ta’ Mose’ kif ukoll ta’ Rita Calvanico. Jirrizulta mill-process (ara fol.75) illi l-imputat ma kellux licenzja ghal dan il-mus.

L-ahhar akkuza fil-konfront ta’ l-imputat hija dik ta’ ksur u paci pubblika, illi hebb u ngurja fil-konfront tal-konjugi Calvanico.

Il-provi kif fuq indikati kollha juru illi l-prosekuzzjoni pprovat il-ksur tal-paci pubblika, dan jhodd ukoll ghal hebb u ghal ingurji fil-konfront tal-koppja Calvanico.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Manwel Bezzina, mhux hati ta’ l-ewwel (1) akkuza, hati tat-tieni (2) akkuza biss fuq il-persuna ta’ Mose Calvanico, hati tat-tielet (3) u r-raba’ (4) akkuza u wara li rat l-Artikoli 216, 338 (dd), 221, Artikolu 28A, 28G, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Probation Act Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundanna lill-imputat ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

In oltre’ tqieghed lill-imputat taht *Supervision Suspended Order* ghal perijodu ta’ tlett snin taht is-supervizjoni tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* minnu nominat. In oltre, ai termini ta’ l-Artikolu 7 (5) tal-Kap.446, tqieghed lill-imputat Manwel Bezzina taht *Treatement Order* ghal perjodu ta’ tlett snin taht il-kura tal-psikjatra Dr. Ethel Felice li ghandha thejji *treatment plan* ghall-imputat u tinforma lil Qorti kull sitt xhur bl-istabilita’ o meno ta’ l-imputat.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta’ avanzata ta’ l-imputat, il-fatt illi huwa *a first offender*, l-istat ta’ sahha tieghu u l-fatt illi l-konjugi Calvanico hafru lill-imputat.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lil psikjatra Dr. Ethel Felice u lid-Direttur tal-*Probation Services.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------